IT-TIELET KTIEB
TAT-TNEJN U TLETIN SENA

SETTEMBRU
1956

# IL-MALTI

## QARI

JOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GHADD

Editur—L-Arti Drammatika f'Malta ... facc. 65
A. Cremona—Is-Sunetti ta' G. Muscat-Azzopardi ... ,, 68
Annibale Preca—*Kristu: Sultan tal-Paċi u ta' l-Imħabba* ... ,, 75
G. Muscat-Azzopardi—*Sejħa t'Alla* ... ,, 76
P.P. Saydon, B.Lit., B.L.Can., D.D., Lic.S.Script.—L-Aħħar Kelma ... ,, 77
K. Ellul Galea—Karmenu Vassallo u l-Poeżija Tiegħu ... ,, 80
G. Abela—*Furioso* ... ,, 91
A.M. Cassola F.I.L.—"Christian" hu Nisrani ... ,, 92
Reċensjonijiet ... ,, 94

DIRETTUR: Prof. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.,
29, Sur Santa Barbara, Valletta.

ASSISTENT DIRETTUR: A. Cremona,
83, Triq Wara Santa Ubaldeska, Paula.

---

Ħlas 4/- fis-sena. Ktieb wieħed 1/-
Dak li hu ħlas tar-Rivista jinbagħat lil:
Victor Apap, 22, Triq it-Torri,
Tas-Sliema.

# IL-MALTI

QARI LI TOHROG IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI — SETTEMBRU, 1956.


## *L-Arti Drammatika f'Malta*

*L-ARTI drammatika f'Malta jidher li ħadet żvilupp kbir u varjat f'dawn is-snin ta' l-aħħar meta xxebbaħha ma' dik ta' mitt sena ilu u xi ftit snin fuqhom.*

*Aħna ma nafux sewwa meta twieldu fostna r-rappreżentazzjonijiet teatrali bil-Malti. Fil-bidu ta' l-amministrazzjoni Ingliża f'Malta (1800) insibu illi fit-Teatru Manoel, barra mill-opri tal-mużika bit-Taljan "kienu jsiru kummiedji bil-Malti". Qabel, meta l-Belt kienet għadha imblokkata, wara li l-atturi Taljani li kienu jagħtu xi rappreżentazzjonijiet fit-Teatru Manoel, kienu ħarġu mill-Belt imħabba l-għoli tal-ħajja, id-dilettanti Maltin ingħaqdu f'kumpannija filodrammatika u komplew jipprovdu din ix-xorta ta' mogħdija taż-żmien għall-popolazzjoni, u l-iktar għall-gwarniġġjon. Iżda ma nafux jekk dawn ir-rappreżentazzjonijiet kinux isiru bit-Taljan jew bil-Malti. M'għandna ebda tifkira li tixhed x'kienu sewwa dawn il-produzzjonijiet teatrali ta' dak iż-żmien.*

*L-ewwel xogħlijiet tal-Palk li dehru stampati kienu ta' Rosato li, milli jidher, kien attur ukoll u midħla sewwa ta' l-opra lirika bħala komprimarju. Dan kien mitt sena ilu; minn dak iż-żmien 'il hawn ir-repertorju tal-proża Maltija kiber ġmielu u l-Palk Malti għadda minn fażi għal oħra: mill-farsa burleska għall-kummiedja komika, mill-kummiedja semi-serja għad-dramm romantiku u storiku, u għal dak traġiku li fihom hemm dejjem isaltan l-argument melodrammatiku maħdum fuq inċidenti konvenzjonali u artifiċjali, sakemm fl-aħħar nibtet il-kummiedja soċjali li ħadet il-post tad-dramm sentimentali u traġiku fuq it-teorija u t-teknika tar-realiżmu psikoloġiku li fil-produzzjonijiet oriġinali Maltin tal-lum beda jidher xi ħjiel tagħha 'l hawn u 'l hinn.*

*Fost il-kommedjografi ta' l-iskola komika tas-seklu dsatax, wara Rosato, insemmu lil Huber, Fleri, Karmenu Camilleri u Ardoino, imbagħad wara, lil Nażju Padovani Ginies, Kalċidon Camilleri, Ġużè Muscat Azzopardi, u fl-aħħar lil Kalanġ Borg u Kalċidon Borg b'kummiedji farseski oriġinali jew tradotti, b'xi*

dramm u l-iktar bi traduzzjonijiet ta' xogħlijiet drammatiċi mit-Taljan u pochades tat-teatru Franċiż—li għalkemm ġiebu taqliba fir-repertorju komiku ta' dari, ħallew il-Palk Malti nieqes mill-oriġinalità teknika u mis-sitwazzjonijiet tal-kummiedja soċjali tal-lum.

Molière u Goldoni, kif ukoll Sheridan, mad-daħla tas-seklu għoxrin, dehru li ilhom li għamlu żmienhom u flokhom kienet daħlet fir-repertorju tat-teatru kontinentali b'kummiedji soċjali l-proża drammatika ta' Roberto Bracco u Girolamo Rovetta fl-Italja, ta' Oscar Wilde fl-Ingilterra, ta' Sardou fi Franza li wara, imbagħad, bdew ftit ftit jinxorbu minn skola oħra ta' xogħlijiet drammatiċi li fihom l-argument kien kollu filosofija psikoloġika u realistika tal-ħajja li fihom għandhom xi ħjiel il-produzzjonijiet ta' Praga u Verga, u dan l-aħħar ta' Pirandello, Niccodemi, Chiarelli Benelli u Lopez, u ma' ġenbhom jistgħu joqogħdu Ibsen, Shaw u Chekov. Hawn Malta aħna mxejna b'pass ta' nemla wara l-mixja 'l quddiem tal-Palk stranġier. Iżda flok li ħloqna fuq l-ispirazzjoni tar-repertorji ġodda kontinentali qlibna bil-Malti (l-iktar mit-Taljan) dak li l-iktar ken jolqot il-gostijiet popolari tal-Palk Malti. Fost dawn insemmu l-Għaijura ta' Bisson, waħda minn dawk il-kummiedji soċjali li kienu jagħmlu mix-xogħlijiet romantiċi tal-teatru ħafif li fis-seklu li għadda kien twieled f'Parìġi u li tkompla mbagħad minn Hennequin, Weber, Gandilott u Faydeau, l-Imgħallmin il-kbar tal-pochades, u li bihom iżżewwaq ir-repertorju Malti flimkien mal-kummiedji qodma tat-tip tas-Santarellina.

Minn mindu l-proża drammatika Maltija bdiet titħaddem minn nies ta' ċerta kultura letterarja mħarrġin fit-teknika tal-Palk, ir-repertorju tat-teatru Malti tbiddel fl-argumenti, fil-kostum, fl-istil, fil-lingwaġġ xeniku u fuq kollox fis-sitwazzjoni artistika ta' l-azzjoni. Iżda l-arti drammatika Maltija, li baqgħet marbuta ma' l-azzjonijiet romantiċi, kienet għadha ma wasletx biex tista' tagħżel, ngħidu aħna, bejn it-teatru ta' Sardou u dak ta' Pirandello fejn fil-wieħed iktarx jidher l-effett milli l-istudju fin tal-karattru, l-intrigi u l-kolp tax-xena milli s-setgħa drammatika tas-sitwazzjonijiet. Kien f'dawn l-aħħar snin li bdejna naraw fuq il-Palk Malti xi xogħlijiet drammatiċi oriġinali mnebbħin mill-iskola l-ġdida tat-teatru psikoloġiku ta' Ibsen, Tolstoi, Moser, Praga u Giacosa. Dan l-iktar li deher f'xi attijiet uniċi

*u fil-bogħod f'xi kummiedja soċjali; għalhekk ma nistgħux ingħidu li l-Ġenju tal-Palk Malti laħaq tala' wisq tarġiet ta' dan it-teatru ġdid, iżda hemm it-tama li 'l quddiem, bil-koltivazzjoni tat-teatru ġdid u tal-psikoloġija u teknika tiegħu jkollna xi xogħlijiet mill-pinna tal-kommedjografi tal-Palk Malti li jkunu jistgħu joqogħdu ma' ġenb oħrajn tat-teatru modern. S'issa l-biċċa l-kbira tax-xogħlijiet drammatiċi Maltin għadhom jinħadmu fuq trami, ħsieb u svolġiment melodrammatiku. Minn fost il-kommedjografi tagħna, dawk li xagħarhom beda jibjad u għandhom iżjed esperjenza tal-ħajja, setgħu forsi jaslu iżjed kmieni biex jagħtuna eżempju sabiħ ta' produzzjonijiet ta' xeħta moderna milli l-kommedjografi żgħażagħ li jiġu li jibnu x-xogħlijiet tagħhom mill-qari ta' kotba teatrali fuq sies ta' teżi b'sitwazzjonijiet inverosimili, fejn id-djalogu hu nieqes mill-ħajja u min-naturalezza u l-karatterizzazzjoni nieqsa mill-psikoloġija persunali tal-persunaġġi.*

*Fuq hekk, sakemm naslu għat-teknika tal-palk ġdid, u sakemm il-mentalità ta' l-uditorju mħallat tkun tista' tapprezza l-arti fina drammatika tal-lum, jaqbel li nitrawmu sewwa qabel ma nirfsu fuq art hekk imwiegħra ta' l-arti drammatika moderna u nibqgħu nedhew għal xi ftit ta' żmien ieħor bil-kitba ta' xogħlijiet ta' l-iskola ta' Goldoni, Molière, Sardou u Bisson li fihom għadna nħossu xi ħaġa iżjed ġenjali ma' l-ambjent ta' djarna u li l-pubbliku tal-platea jew dak li jissamma' mir-radjo jista' jġerrgħu iżjed b'gost intellettwali mix-xogħlijiet ta' l-iskola drammatika astrusa tal-lum. Wara kollox aħna għadna nsibu, bħal nies oħra ta' pajjiżi kontinentali b'mentalità iżjed sviluppata minn dik tal-kotra tagħna, illi x-xogħlijiet teatrali qodma, ta' ċertu valur klassiku u romantiku, għadhom ma tilfux la l-ġmiel u lanqas il-benna tagħhom, u t-togħma tagħhom għadha bnina bħal dik ta' ċerti nbejjed qodma, u l-ġenjalità tagħhom għadha bħal dik ta' ċerti nisa xjuħ li fi xbubithom kienu jsaħħru l-għajnejn. Iżda, b'danakollu, ma rridux inkunu hekk konservativi li niċħdu l-valur tekniku tas-sengħa drammatika ġdida (u għalhekk ukoll il-post fil-letteratura drammatika Maltija ta' xogħlijiet mibnijin fuq it-teoriji u kriterji estetiċi ta' dik is-sengħa)* f'ambjenti kulturali *fejn l-apprezzament tagħhom jista' l-lum isib iżjed wisa' u 'l quddiem irabbi l-għeruq fil-gostijiet tal-ġenerazzjoni li tielgħa kif ukoll fost il-pubbliku.*



# IS-SUNETTI TA' GUZE' MUSCAT AZZOPARDI

*Studju Kritiku ta'* A. Cremona

**ĠUŻÈ MUSCAT-AZZOPARDI—SUNETTI** — Ġabra sħiħa bi studju fuqhom tal-kittieb innifsu — Lux Press, 1956. Malta.

*Int, ja Sunett, fil-għana Malti tagħna*
*dejjem leħnek ma sammajt; bil-għanja tqila*
*tiegħek fostna kien l-ewwel li semmagħna*

*leħnek l-Imbħallem u mbagħad fuq it-tifsila*
*tiegħu, bħala Missier ta' kitba ġdida:*
*l-Ulied għannewk tal-qalb fl-isbaħ taqbida.*

(Lis-Sunett, minn "Leħen il-Malti", 1946.)

Ġietna f'idejna l-ġabra sħiħa tas-Sunetti miktubin mill-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi. Isem Ġużè Muscat Azzopardi huwa magħruf biżżejjed bħala prożatur ta' ċertu grad letterarju li jisboq fil-wisa' lill-prożaturi ta' qablu għall-valur klassiku tal-proża Maltija tiegħu magħżula minn dik ta' kittieba oħra, fil-għażla tal-kliem u espressjonijiet frażjoloġiċi jew idjomatiċi, fl-istil, fil-bini sintattiku tas-sentenzi kif ukoll fl-isvolġiment artistiku tas-suġġett. Iżda, barra milli prożatur qawwi, lil Ġużè Muscat Azzopardi nafuh ukoll, fil-kamp letterarju Malti, bħala poeta l-iktar raffinat ta' żmienu.

Sa mill-ewwel snin ta' żgħożitu Ġużè Muscat Azzopardi kien wera ċerta sengħa li jikteb versi bil-Malti, mibnija fuq il-metrika Taljana, fuq forma wisq iżjed letterarja minn dik ta' kittieba sħabu; forma illi lill-Malti bdiet tagħtih libsa ġdida skond ma kien jixraq għal ilsien miktub mill-pinna ta' nies ta' l-iskola. Fost il-poeżijiet li kiteb ta' metru differenti, hemm is-sunetti tiegħu.

Kif jidher, Ġ. Muscat Azzopardi, ma' tul ħajtu, kien ukoll bil-ħsieb li dawn jiġborhom, flimkien ma' versi oħra u joħroġ-

hom stampati fi ktieb wieħed. Jien għadni niftakru meta xi xahar qabel ma għalaq għajnejh jien mort inżuru. Hu kien fis-sodda jqalleb u jitgħaxxaq bil-ġabra ta' poeżijiet tiegħu li kellu f'idejh miġburin ġewwa qoxra ta' librett: "Jiddispjaċini," qalli hu, "li iktarx ma jkollix ix-xorti nara dawn il-poeżijiet stampati fi ktieb." U għalkemm fittixt inqawwilu qalbu huwa deher li kellu qalbu maqtugħa li għad itemm xewqtu.

L-istudju tiegħu fuq is-sunett fil-bidu tal-ġabra tas-sunetti juri biċ-ċar li dan kien il-ħsieb tiegħu, għallinqas għal dawn ix-xorta ta' versi, li issa wliedu, Ivo u Ġino, b'għożża kbira lejn it-tifkira għażiża ta' missierhom u l-mertu letterarju tiegħu ta' kitba Maltija, ħasbu biex ġabruhom u wrewhom id-dawl kif kien jixirqilhom.

L-istudju ta' Ġ. Muscat Azzopardi fuq is-sunett Malti juri wkoll illi *qabel is-sunetti tiegħu*, li kien jikteb u jistampa 'l hawn u 'l hinn, ma jidhirx li kien hemm wisq min ittanta jikteb din ix-xorta ta' poeżija bil-Malti, u għalhekk l-awtur deherlu li kellu jagħti lill-kittieba ta' versi bil-Malti xi ħjiel fuq il-kitba tas-sunett Malti. Li! Ġ. Muscat Azzopardi nistgħu storikament inqisuh li kien l-ewwel wieħed li ta forma klassika fir-ritmu u fil-ħsieb lis-sunett Malti. Qablu ma jidhirx, infatti, li kien hemm wisq oħrajn li kitbu sunetti ħlief 'l hawn u 'l hinn xi tlieta jew erbgħa, fosthom De Soldanis li fil-manuskritti tiegħu kien ħalla miktub is-sunett akrostiku b'ġieh Dr. Ludovico Coltellini (1760), kittieb ieħor li ma nafux ismu, u li s-sunett tiegħu jidher (bla isem) fil-ġurnal l-*Arlekkin* (Nru. 42, 1838), u Ġan Anton Vassallo, li kiteb xi żewġ sunetti, wieħed minnhom bl-isem ta' "Is-Sena l-Ġdida" (ara "Leħen il-Malti", Lulju-Diċembru, 1951, paġ. 96). Dawn il-ftit sunetti li semmejna huma kollha neqsin mit-teknika meħtieġa, dgħajfin fil-ħsieb u fil-għażla tal-kliem, għalkemm is-sunett (bla isem) fl-*Arlekkin*, jidher li hu miktub minn id imħarrġa għal dik li hi forma u ħsieb li jolqtuk meta tqis iż-żmien li fih inkiteb. Kien Ġ. Muscat Azzopardi li ta lis-sunett Malti l-libsa ġdida li biha fil-letteratura Maltija s-sunett deher li jista' joqgħod ma' ġenb dawk ta' ilsna oħra.

Għalkemm is-sunett huwa forma metrika li sa l-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tal-għoxrin kienet ħaġa ġdida fil-poeżija Maltija, kif semmielna Ġ.M.A. fl-istudju tiegħu fuq is-sunett Malti, il-poplu illetterat, kull xorta ta' poeżija okkażjonali jsej-

ħilba sunett. Ir-raġuni, Ġ.M.A. ma jagħtihiex; għandna naħsbu, iżda, li dan l-isem mogħti għal kull xorta ta' poeżija mill-poplu illetterat twieled ma' l-ewwel poeżija li nzertat kienet sunett għal xi qaddis f'xi festa. U min seta' jkun l-awtur ta' dawn is-sunetti bikrija, il-poeta ta' dak iż-żmien mhux il-bogħod minna, jekk mhux l-istess Ġużè Muscat Azzopardi, jew xi ieħor ta' żmienu?

Bħalma diġà semmejt, ir-raġuni li Ġ. Muscat Azzopardi, fil-ġabra ta' sunetti li hejja, kiteb dan l-istudju didattiku fuq is-sunett Malti, skond il-fehma tiegħi, hija l-għaliex, għallinqas fi żmienu, is-sunett ma kienx ilu magħruf fil-prosodija Maltija, u għalhekk l-awtur deherlu li tkun ħaġa ta' fejda għall-qarrej li jagħti qabel xejn tifsira tal-għamla prosodijaka ta' dawn ix-xorta ta' versi. It-tifsir tekniku ta' Ġ.M.A. fuq il-kitba tas-sunett jiġbor fi dak kollu li hu meħtieġ għal dak li hu ritmu, taqsim ta' versi, għażla ta' kliem, ħsieb u aċċentwazzjoni, u dana kollu fuq il-fasla tas-sunett Taljan li s'issa, kif jidher, l-iktar fost il-poeti xjuħ, mexa s-sunett Malti.

Meta wieħed jifli s-sunetti ta' Ġ.M.A. u jibda minn dawk il-bikrija (u meta ngħid *bikrija*, inqis li qed inxebbah l-frott bikri mas-sunetti bikrija tiegħu) sa dawk li għaddew mill-magħsar tal-moħħ imkemmex tal-poeta u nxebbahhom ma' dawk li nkitbu minn oħrajn qabel, kif ukoll fi żmienu u wara żmienu, wieħed għandu jara li s-sunetti li nkitbu qabel, flimkien ma' dawk li nkitbu minn Ġ.M.A. u minn oħrajn ta' warajh, jippreżentaw kwadru ta' svilupp letterarju li jibda sew sew minn l-ewwel tletin sena tas-seklu dsatax u baqa' jikber sewwa sa nofs dak is-seklu meta l-poeta tagħna kien għadu kemm fetaħ għajnejh għad-dawl tax-xemx tad-dinja ġewwa l-fisqija u l-poeżija ta' Ġan Anton Vassallo kien illha tinkiteb, u s-sunett li naqraw fl-*Arlekkin* kien ilu li deher mal-ħmistax-il sena. Bejn is-sunett ta' Vassallo "Is-Sena l-Ġdida", u l-ewwel sunetti ta' Ġ.M.A. hemm qabża ġmielha sew fil-ħsieb, sew fil-kliem kemm fl-istil u fil-forma kostruttiva. Is-sunett ta' Ġ.A. Vassallo l-aktar li tgħollih it-terzina ta' qabel l-aħħar, fejn, kif jinnota G. Cassar Pullicino fil-"Leħen il-Malti" ta' Lulju-Diċ. 1951, Nru. 245-250, tidher li għandha xebh mat-tieni biċċa ta' l-*Innu Malti* ta' Dun Karm. Il-qabża mhux hekk kbira bejn is-sunett Malti fl-*Arlekkin* (1838) u dawk ta' Ġ.M.A. li jidhru fl-ewwel faċċati tal-ġabra.

Il-karatteristika ta' sunett tajjeb, imsejjaħ "piccolo poema" (Boilaeau) huwa li s-suġġett irid ikun għoli u *mhux volgari*, suġġett ta' dak il-kobor li jkun miktub bla tiġbid u ifilsa, bla kliem żejjed u tagħwiġ u tagħtib fil-ħsieb; il-ħsieb jibda mill-ewwel strofa u jibqa' sejjer niexi minn strofa għal oħra bħal ilma ġieri bla ma jeħel fi żrara waħda li tiksru sa l-aħħar, b'għeluq li fih l-aħħar terzina tiġbor is-sustanza ta' l-argument. Dawn il-kwalitajiet, għandna nistqarru, ma nsibuhomx kollha fl-ewwel sunetti miktubin minn G.M.A.

Fil-ġabra tas-sunetti ta' G.M.A. insibu tiżwiq fil-forma metrika, li ma nsibuhx jl-lum fil-versi tal-poeti Maltin ħlief f'ħaġa waħda fejn minn sunett Petrarkesk xi wħud mill-poeti żgħażagħ iħobbu jaqilbu għas-sunett Shakesperjan.

It-tiżwiq fil-metrika tas-sunetti ta' G.M.A. qajla nsibuh fil-poeżija Taljana ħlief iktarx f'xi antoloġiji qodma. Għalhekk mas-sunetti tal-ħdax-il sillaba nsibu sunetti b'versi qosra tal-għaxra, tad-disgħa, tat-tmienja, tas-sebgħa, tas-sitta, u, saħansitra tal-ħamsa u ta' l-erbgħa, li għandhom il-valur artistiku tagħhom meta wieħed jistudjahom u jinnota fihom kif il-versi jimxu sewwa mal-ħsieb bħal dgħajsa tielgħa u nieżla mal-mewġa tal-baħar.

L-iktar, imbagħad, li jolqot f'dan ix-xorta ta' sunetti huwa l-għeluq tas-sunett, li nsibu f'terzini bħal dawn:

(a) "*Le ma nkunx, għax jien is-sabar*
*mort jassartu wisq fil-bgħid:*
*Dfintu m'Ibni ġewwa qabar*" (Ħasra ta' Missier).

(b) *U ra 'l Marija*
*ġo ħdanha tbennen*
*'l Alla tarbija.* (Fuq il-Karmelu).

(ċ) *Tneħħi driegħek*
*qatt minn fuqi...*
.......................
*ħalli miegħek*
*ikun tluqi*
*għas-Smewwiet.* (Talba Ċkejkna)

Is-sunett b'versi qosra nsibuh iktarx miktub minn poeti ta' qabel is-seklu dsatax, iżda nibagħad insibuh ukoll fiż-żmien ta' wara b'versi qosra u ħfief li jaqblu mas-suġġett. Dan il-metru

għalhekk, fil-versi ta' Ġ.M.A., insibuh b'sengħa u reqqa kbira fis-sunetti "Is-Sebà' Weġgħat ta 'Marija", f'"Għamil il-Ħniena" u f'"Imħabba ta' Missier", versi miktubin, biċċiet minnhom fl-istaġun bikrija tal-kitba tiegħu poetika.

Xorta ta' sunett li jitbiegħed minn dak tal-għamla Petrarkeska, huwa s-sunett bid-denb li hu msejjaħ Bernesk mill-poeta Berni fis-seklu sittax, miktub bi stil ċajtier jew satiriku. Dan insibuħ maħdum minn Ġ.M.A. f'żewġ poeżijiet: "Ġakbin" u "Tweġiba". Ġ.M.A. fl-ewwel wieħed jistqarr hu stess li fih daħħal b'ċajta xi kliem barrani li f'poeżija sata' jiskartah. Stil maħlul u sempliċi li sa ċertu pont joqgħod għas-suġġett miktub filbidu tas-seklu. It-tieni poeżija ta' din il-għamla hija t-"Tweġiba" li kiteb bi tweġiba għal xi versi oħra bil-psewdonimu ta' *Amen*. Din il-poeżija tkompli b'sunett ieħor bla denb, b'rimi obbligati f'xi versi. Is-sarkażmu f'din il-poeżija huwa ftit skur għall-qarrej li ma jkunx qara l-versi ta' *Amen* li dnub ma ngibux fil-ġabra. Għalhekk dawn iż-żewġ sunetti ta' l-aħħar ma tistax tqis il-mertu tagħhom tekniku.

Fis-sunetti l-oħra sew ta' lewn profan: sentimentali, deskrittiv, kritiku, sarkastiku; kemm ta' lewn reliġjuż, mill-ewwel snin tas-seklu għoxrin sa mewtu, Ġ.M.A. wera li t-teknika talversi tiegħu mxiet mal-mixja 'l quddiem tal-koltivazzjoni tal-Lsien Malti fost il-kittieba tal-Malti, kif ukoll fost dawk li imħajrin minnu, mat-twelid tal-ġurnal "il-Ħabib" li tiegħu kien Direttur, issieħbu ma' l-armata ġdida tal-kittieba tal-Malti li ngabret madwaru u li wara kienu l-pijoneri tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, li tagħha kien l-ewwel President.

Fost is-sunetti miktubin minn Ġ.M.A. meta l-Musa tiegħu ma' għeluq s-seklu dsatax bdiet turi teknika ġdida fil-versi tiegħu, insibu dak li kiteb fl-aħħar tas-sena 1899 lill-ħabib tiegħu Annibale Preca bl-isem ta' "Sejħa t'Alla" bi tweġiba għal sunett li dan kien iddedikalu, kif Ġ.M.A. igħid f'nota *b'sinjal ta' paċi* wara xi għilt ċkejken bejniethom fuq il-kitba tal-Malti. Dan issunett *jibda bl-istess vers* li bih kien għalaq is-sunett tiegħu Preca. Band'oħra f'dan in-numru ta' "Il-Malti" ingibu s-sunett ta' Preca bit-tweġiba ta' Ġ.M.A.

Min jaqra dawn iż-żewġ sunetti għandu jsib id-differenza fl-istil, fil-kostruzzjoni u fit-teknika tal-bini u ħsieb bejn is-sunett ta' Preca u dak ta' Ġ.M.A.

Preca ma kienx il-poeta klassiku, iżda l-poeta liriku, sempliċi u ħafif, tal-ħrejjef ta' Esopu, bħalma, sa ċertu pont kien sieħbu ta' dak iż-żmien Ġan Anton Vassallo.

Fost is-sunetti l-oħra ta' Ġ.M.A. ta' min isemmi għall-qawwa tal-ħsieb, għax-xbihat poetiċi, għall-vers mexxej u sod, u għal kostruzzjoni magħquda u kliem magħżul is-sunetti : *San Ġuda Taddew* li jagħlaq b'din it-terzina : *"U ktibt, terraqt, batejt is-swatenu hieni / talli xandartu ħadt il-mewt qalbieni / ...l-ieħor bħal tiegħek ma kellux ħlief ismi!"* b'xebh li jtiegħem is-sustanza tas-sunett kollu; *San Paul*, li jagħlaq b'dan il-vers hekk sintetiku u qawwi : *"li għamel Alla miegħek għamilt magħna"*; *San Bartilmew*, sunett ħaj fid-deskrizzjoni, magħqud fil-ħsieb u ħini tal-kliem b'antitesi ta' idejiet li jagħlqu sabiħ b'dawn iż-żewġ terzini : *"Imm'Hu ħiemed u qawwi daqs il-ħnejja / li tarfa' t-toqol kollu ta' l-imramma, / bil-maħfra, bħal Ġesù, ħallas l-inkejja". — "U ħass bħal fwieħa ta' Susan għaddejja, / u ruħu fuq xofftejh, dan il-kliem samma': / 'Il-Lhud għamlu wisq iż-jed lill-Mulejja' "*; *San Franġisk* li fih deskrizzjoni storika tal-ħajja sekulari ta' dan il-Qaddis u jagħlaq b'dawn it-terzini hekk figurattivi u karatteristiċi :

*Tgeżwer fi xkora, ħażżem qaddu b'ħabel,*
*u, imkebbes bin-nirien ta' mħabba ġdida,*
*għarraq fit-tbatijiet il-hejm ta' qabel.*

*Imbagħad li demmu jxerred dlonk ittallab:*
*u Kristu, biex jurih li xewqtu jridha,*
*'il ġismu b'ħames vleġeġ miegħu sallab.*

Imma fost is-sunetti reliġjużi ta' Ġ.M.A., jibqgħu, biex ingħid hekk, monumentali fil-fehma tiegħi, iż-żewġ sunetti fuq "San Ġwann", l-ewwel wieħed li jagħlaq b'dawn il-versi sentimentali u li jpinġu l-imħabba ta' Ġesù lejn id-dixxiplu għażiż tiegħu :

*u, l-aħħar lejl li kellhom flimkien jidhru,*
*biex aktar juri kemm kien għażż għamilu,*
*Ġesù ħallieh imidd rasu fuq sidru.*

u t-tieni li jibda fuq il-kwadru ta' qabel b'din l-istrofa :

*Min jaf Ġanni s-sajjied x'taħbit ta' mħabba,*

*kif kien mimdud fuq dik il-Qalb, x'ħass f'qalbu!*
*Min jaf x'tagħlim ta' ġenna f'ruħu trabba*
*min-nifs għażiż ta' Dak li l-kiefra sallbu!*

Versi oħra maħdumin mill-pinna mħarrġa tal-poeta veteran u li juru fih il-karatteristika tal-poeżija klassika tiegħu u li tagħżlu mill-poeti ta' qablu u minn xi wħud ta' żmienu li kienu għadhom mexjin fuq il-falsariga tal-metrika popolari Maltija, huma dawk li naqraw f'dawn is-sunetti: *Fil-Mewt tal-Patri Majjistru Wiġi Tonna Barthet; Lil Ġinu tiegħi; Marsaxlokk; Il-Bniedem; Tama f'Alla; Jesu Christe.*

Ġ.M.A. kien poeta varjat skond iż-żmien li għadda minnu. Fil-ħajja letterarja tiegħu naraw li għadda minn żewġ staġuni— dik ta' meta l-Malti kien għadu fin-nieqa tal-letteratura, u jekk kien hemm wieħed fost il-kittieba li kellu l-akbar sehem fiha, u wera li l-Malti għad jikber kien hu. Kien hu li ma staħax, bħal xi oħrajn, ibill il-pinna tiegħu fil-linka sewda tal-Malti mkasbar minn sħabu dak iż-żmien; kien hu li minn dik l-epoka beda jaħdem u baqa' jaħdem biex jiftaħ it-triq għall-koltivazzjoni tal-Malti, bil-ġurnaliżmu apolitiku, profan u reliġjuż u bil-kitba tiegħu novelliera u romanzeska u ta' poeżija wisq iżjed xieraq minn dik li sa dak iż-żmien kienet inkitbet.

Fil-versi ta' din l-istaġun naraw li l-poeżija tiegħu kienet iktarx ta' xeħta lirika ħafifa, mexxejja, iżda iktarx popolari milli akkademika. F'din il-poeżija għandna nistqarru li għandu xi ġawhra ta' min igħożżha u li tista' toqgħod f'antoloġiji għas-sentimenti ġenwini u kwadru naturali mfisser bi kliem sempliċi li jixirqu lis-suġġett bħalma hi l-poeżija "Mħabba ta' Missier" miktuba fl-1888, jiġifieri meta Ġ.M.A. kellu 25 sena.

Fit-tieni staġun tal-ħajja letterarja tiegħu naraw f'Ġ.M.A. il-poeta ta' sengħa mħarrġa bi stil aktar sod u ħsieb iktar meqjus bħalma jidher mis-sunetti li kiteb mill-1908 'il quddiem. Kien hemm min qal li l-poeżija ta' Ġ.M.A. għamlet iż-żmien tagħha u rabbiet l-għanqbut, u li meta xxebbahha ma' dik ta' poeti li nibtu ma' l-aħħar snin ta' ħajtu u wara, ftit jew wisq tinkifes.

Kull poeżija bikrija għandha xi mindaqqiet it-tajjeb u l-mertu tagħha u ta' min japprezzaha. Min jaħseb xort'oħra juri li ma għandux sens ta' proporzjon fil-kriterju letterarju ta' moħħu. Hu x'inhu n-nuqqas jew it-tajjeb fil-poeżija

ta' G.M.A. nistgħu ngħidu biss illi kieku ma kenitx il-poeżija ta' G.M.A. li influwenzat u ħeġġet l-imħuħ u l-qalb ta' oħrajn li kienu jħossu fihom, bħalma kien iħoss hu, il-qawwa tal-ġenju u tal-vampa poetika kieku ma kienx ikollna poeti bħalma huma Dun Karm u Cuschieri, bħalma mbagħad il-poeżija ta' dawn wara żmien influwenzat u ħeġġet il-moħħ u l-qalb ta' oħrajn bħal Rużar Briffa, Anton Buttigieg, Patri Delia, u ma' dawn il-poeti żgħażagħ fosthom Ġorġ Pisani, Dun Frans Camilleri, Ġużè Chetcuti, Karmenu Vassallo, Mary Mejlaq, Marċell Mizzi, Ġorġ Zammit u xi oħrajn li jegħdin iżejnu u jkabbru bil-versi ġodda u qawwija tagħhom il-patrimonju tal-letteratura Maltija.

---

## KRISTU: SULTAN TAL-PAĊI U TA' L-IMĦABBA

### SUNETT

*Ta'* ANNIBALE PRECA

*Lill-ħabib Giuseppi Muscat-Azzopardi.*

Fil-qiegħ tal-biki jsaltan għadu kiefer
Kburi, għajjur, qattiel ill'ismu Għed,
Illi bi snienu jbiċċer u bid-dwiefer
L-imsejkna t'Adam u Eva rsiera u wlied.

Dan kien fil-hena; ma minn qalbu siefer
Ir-riżq u l-hena x'ħin jitkabbar ried:
Il-lum dejjem f'dagħdiegħa u dejjem ġiefer
Jidgħi 'l min ħalqu u jobgħod is-smewwiet.

Iżda ntemmet saltnatek, ja għajjur,
X'ħin ħa ġisem ta' bniedem il-Ħanin,
Sultan tal-paċi u minn ta' rwieħna Sid.

Ħuti l-egħżież bil-ferħ kif il-qalb tfur!
Imħabba jitlob minna dal-Bambin:
"Nar ġejt inkebbes fl-art, u mħabba rrid".
1899.

# SEJĦA T'ALLA

*Lill-ħabib Annibale Preca.*

*Ta'* G. Muscat-Azzopardi

"*Nar qejl imkebbes fl-art: u rrid imħabba*

bejn dawk li jien inħobb u jħobbu lili,
għax fi qlub ħbiebi ma għandux jitrabba
ħjiel ta' mibegħda, biex imrar jisqili.

U jekk il-għadu jirnexxilu jtabba'
dawk li f'għamilhom ma jtuqux f'għamili,
b'kotra ta' dawl lilhom mis-Sema nxabba',
li, f'qasir żmien, ruħhom mill-ġdid jifdili...

Mulejja, ridtni ngħaddi minn dad-delu
biex isaffiha fin-nirien ta' mħabbtek?—
Mulejja l-madmad tiegħek kemm hu ħelu!

Iva, ġeddidni; midd għalija driegħek:
u f'mewti titfakarx kemm drabi slabtek:
li ħlaqtni ftakar biex nitħenna miegħek.

Fit-30 ta' Diċembru, 1899

---

# NGĦINUHOM

Ngħinu lil dawk li għal-libertà ta' art twelidhom xerrdu demmhom, tilfu lil nieshom, ħwejjiġhom, djarhom. L-għajta u l-biki tagħhom kexkxu lill-ġnus kollha ċivilizzati tad-dinja.

Il-problema biex tifdi dawn in-nies minn taħt il-madmad u l-kefrija tal-Komuniżmu qiegħda f'idejn in-Nazzjonijiet tal-Punent li m'għandhom qatt iħalluhom jaħsbu li huma batew għalxejn.

## PAĠNA AWTOBIJOGRAFIKA

# L-AĦĦAR KELMA

Ta' P. P. Saydon

(*Jorbot ma' Marzu* 1954, *faċċ*. 6).

MELA f'Ottubru tas-sena 1931 sirt Professur. L-Ewwel snin għaddew bla tfixkil kbar. Mixgħul b'ħeġġa kbira għat-tagħlim, imwettaq b'fehma safja u rieda qawwija li naħdem għaż-żgħażagħ biss, intrajt għax-xogħol b'ħerqa żagħżugħa li ma tafx qjies. Mill-ewwel irbaħt qalb l-istudenti li nġibdu lejja u bdew iżommuni bħala ħabib li jridilhom il-ġid, mhux bħala Professur imqit u kburi li jbiegħed l-istudenti minnu u jġegħil-hom jistmellu t-tagħlim. Is-segriet kien dan: Ħabbejt it-tagħlim u ħabbejt l-istudenti. L-istudju għalija qatt ma kien tarġa biex nogħla aktar u anqas xogħol ta' qligħ il-flus, imma l-missjoni ta' ħajti; ma kienx ħaġa ta' l-imgħoddi, imma biċċa minn qalbi, ħajti kollha. Ma kienx biżżejjed dak li tgħallimt; ridt dejjem nitgħallem aktar, ridt nimxi dejjem mal-mixja ta' l-għerf, u l-ħerqa li kelli kebbset ħrara kbira f'qalb l-istudenti li saru jħobbu lili u t-tagħlim.

Imma t-taħbit ma damx ma nqala'. Sewwa sew f'Settembru 1931, xahar qabel ma lħaqt Professur, sar taqlib kbir fit-tagħlim tat-Teoloġija meħtieġ għall-Lawrja. Sa dak iż-żmien fl-Università ta' Malta u f'xi Universitajiet ta' barra, sabiex wieħed jieħu l-lawrja ta' duttur kien biżżejjed li jgħaddi mill-eżamijiet. Jiġifieri, il-lawrja, li hi l-ogħla unur li tista' tagħti Università, kienet tiswa daqs ċertifikat li wieħed għadda mill-eżamijiet. Il-lawrja ma baqgħetx tfisser dak li kienet tfisser dari: kuruna ta' rand f'ras ta' bniedem magħruf għal għerfu. Il-Papa Piju XI, li kulħadd jaf kemm kien iħobb u jgħożż it-tagħlim, ried igolli l-lawrja tat-Teoloġija għal li kienet qabel u kif kienet għadha f'ħafna Universitajiet kbar u fisser il-fehma tiegħu f'Ittra li tibda bil-kelmiet li bihom hi magħrufa: "Deus scientiarum Dominus" maħruġa f'Settembru 1931 u bir-regolamenti mogħtijin ftit wara mill-Kongregazzjoni tas-Seminarji u ta' l-Universitajiet. Il-prinċipju ta' dawn ir-regolamenti huwa dan: Il-lawrja mhix ċertifikat li wieħed għadda mill-eżamijiet,

imma xhieda li wieħed għandu ħila permezz ta' kitba jmexxi 'l quddiem il-għerf tat-Teoloġija. Jiġifieri, biex wieħed jistħoqqlu l-ġieħ tal-lawrja jeħtieġ mhux biss li jkun għaref, imma wkoll li jkollu l-ħila jżid bix-xogħol u l-kitba tiegħu l-għerf tat-Teoloġija. U min ma joqgħodx għal dawn ir-regolamenti jitlef id-dritt li jagħti l-lawrja, jew il-lawrja li jagħti ma tkun tiswa xejn quddiem il-Knisja.

X'għamlet l-Università tagħna għal dan it-tibdil? Ngħiduha bla ħabi u bla tlaqliq li l-Università tagħna ma kenitx imħejjija biex tħaddem ir-regolamenti ġodda. Imma l-liġi kienet ċara. Jew mewt jew ħajja; jew toqgħod għar-regolament jew tagħlaq bwiebha għat-Teoloġija. U kieku ma reditx titlef id-dritt li kienet ilha żmien twil tgawdi, li tagħti l-lawrja. Għalhekk bdiet taħseb biex tara kif setgħet tqabbel ir-regolamenti ġodda malforzi tagħha. Saru laqgħat, kumitati, rapporti. Sar taħdit, tlablib, ftehim u nuqqas ta' ftehim. U ż-żmien għaddej, u bqajna dejjem fejn konna. Żidna suġġetti jew tnejn, u dan minn għalina kien ħaġa kbira, u xejn iżjed. U kull tibdila żgħira li konna rridu nagħmlu kienet tieħu għomor biex isseħħ. It-triq kienet twila; mill-Università għal għand il-Gvernatur, mill-Gvernatur għas-Segretarju tal-Kolonji, mis-Segretarju tal-Kolonji għal għand l-Ambaxxatur Ingliż fil-Vatikan, mill-Ambaxxatur għas-Segretarju ta' l-Istat tal-Vatikan, u min hemm għall-Kongregazzjoni. U l-istess triq minn Ruma għal Malta. U s-snin għaddejjin, u aħna bil-kemm bdejna nitħarrku.

Fl-ewwel laqgħat u kumitati jien, bħala wieħed miż-żgħar, ma kontx imdaħħal, u x-xogħol kollu kien f'idejn nies li ma setgħu jifhmu qatt l-ispirtu tar-regolamenti ġodda, għax qatt ma kienu tħarrġu skond dawk il-metodi. Maż-żmien, min miet u min ħareġ, u jien bdejt insemma' leħni. U f'daqqa waħda qam il-ġlied.

Għalkemm konna daħħalna fil-Kors tat-Teoloġija xi suġġetti ġodda, bħalma huma; Patroloġija, Storja tal-Knisja, Grieg, u oħrajn, dan għalija ma kienx biżżejjed. Jiena ridt li noqogħdu għar-regolamenti kollha kemm huma u hekk nerfgħu u ngħollu l-livell ta' l-Università daqs ta' Universitajjiet barranin. Hdimt kemm flaħt biex nilħqu dan l-iskop. Indħalt għal xogħol barrani, bla ebda ħlas; ftaħt il-librerija tiegħi għall-istudenti li kienu neqsin għal kollox minn kull għajnuna ta' kotba,

u l-istudenti bdew bil-ftit il-ftit jifthu mohhom u jifhmu ahjar ir-regolamenti godda. Imma dawk li messhom fehmuhom qabel kulhadd ma fehmuhomx u ma setghux jifhmuhom ghax kienu mrawmin fuq metodi ohra. Kienu tajbin biex jghallmu s-suggett taghhom kif tghallmuh huma, imma ma setghu qatt iharrgu l-istudenti fix-xoghol tat-tiftix tal-gheri u ta' kitba gholja. Min qatt ma tharreg, kif jista' jharreg 'il haddiehor? U min qatt ma kiteb xejn, kif jista' jghallem 'il haddiehor jikteb? Il-htija ma kenitx taghhom ghal kollox; kienet il-htija taż-żmenijiet. Imma kienet htija taghhom li ma ridux joqoghdu ghall-pariri ta' min kien jaf xi haġa aktar minnhom. Ghalkemm hdimt kemm flaht u aktar milli kelli nahdem, sibt min ifixkilni, u, billi l-kotra dejjem ghalbet il-forza, sibt ruhi mirbuh mill-kotra li ma kenux jafu fuqiex kienu jithaddtu. Kliem bhal dan u kliem iehor ghidtu lil shabi fil-laqghat li kellna u sewwa biss biex aktar wessa' l-firda bejni u bejnhom. U hekk meta l-istudji tat-Teoloġija kienu jehtieġu l-akbar ghaqda u ftehim bejn il-Professuri, nibtet il-firda li mewtet il-bidu tajjeb u x-xejra tajba li kienu hadu l-istudji. Dan kien lejlet il-gwerra fis-sena 1939. Ma rridx inġedded t-tifkira kerha ta' kull ma sar dik il-habta, ta' kull ma rajt ghall-ġid li ridt naghmel, ta' kemm hdimt u thabat bla hlas; nghid biss illi xoghli kollu safa fix-xejn.

---

## ĠAWHAR TA' HSIBIJIET

*Hu iktar hafif li tkun bniedem hanin milli tkun bniedem tal-haqq.*

*Il-ġenju huwa l-maqlub tal-flus, iktar ma jkollok iktar tkun hieni.*

*Huwa iżjed facli li tqis bniedem mill-mistoqsijiet tieghu milli mit-tweġibiet tieghu.*

*Min jara s-sewwa u ma jaghmlux huwa bniedem bla kuraġġ.*

# Karmenu Vassallo u l-Poezija Tiegħu

## "B I N T I"

*Minn* Karmenu Ellul Galea

IL-POETA jitwieled u mhux isir. Mera ta' dan għandna lil Karmenu Vassallo, l-awtur magħruf tan-"Nirien" — damma ta' poeżiji liriċi li kull min irnexxielu jaqrahom bir-reqqa, jifliħom u jixtarrahom bil-għaqal, u jidħol fil-qalba tagħhom kif imiss, ma naqasx jara fihom dik li wieħed jista' jsejħilha "autobiografia" tiegħu. Hemm fin-"Nirien" ta' Vassallo mhux biss il-ħsieb għoli u mirqum, li huwa l-qofol u s-sies ta' kull poeżija, imma wkoll dik il-qawwa fil-għażla tal-kelma u fid-daqqa tal-vers li tagħżlu għalih waħdu. Il-biċċa l-kbira tal-versi ta' Karmenu Vassallo, meħudin bħala biċċa waħda, ma humiex ħlief mera u xhieda ta' ħajtu: ħajja mimlija mrar, dieqa, għawġ, niket u qtigħ il-qalb; ħajja bla dawl u bla tama; ħajja ta' tiċħid, għaks, swat u tbatijiet.

Għalhekk, lil dan il-poeta Malti, jiena nqisu bħala wieħed rivoluzzjonarju fl-idejiet, anzi vulkan qalil u tal-biża', għad li mhux ta' natural hekk imqit u iebes li ma ddawru b'xejn jew li ma twasslux biex iwieġeb għall-ilġiem ħelu tas-Sema. U dan il-kriterju dwar l-awtur tan-"Nirien" iwettqu u jsaħħu l-Professur Ġużè Aquilina f'"Il-Muża Maltija". "Poeta reliġjuż ħafna", igħidilna dan il-għaqli u meqjus kritiku Malti, "huwa Karmenu Vassallo li ħafna drabi jinseġ ġol-versi reliġjużi t-taħwida tar-ruħ tiegħu mqallba minn dak li kiddu, minn dak li dejqu. Bħal Ġorġ Pisani, Karmenu Vassallo għadda ħafna żmien minn ħajtu fil-kunvent. Fiż-żewġ poeti naraw il-muża tal-kunvent li, maħruġa 'l barra mill-ħitan taċ-ċella, taqbad it-triq tal-ħajja u tinterpreta r-reliġjon t'Alla kif tolqot lill-bniedem fis-sigħat koroh tiegħu, l-aktar fis-sigħat ta' qtigħ il-qalb. Il-muża tagħhom hi għalhekk il-muża Kattolika u reliġjuża ta' żewġ poeti żgħażagħ li kellhom f'ħajjithom dawk il-ħinijiet tal-kriżi spiritwali meta l-qalb tinfexx tgerger jew titbekka għax

ma tkunx tiflaħ iżjed iċ-ċaħda tad-dawl''. Imma fil-poeta tan-''Nirien'', jissokta jgħidilna l-Professur Aquilina, ''in-nota reliġjuża titħallat ħafna drabi ma' noti oħra ħorox ħafna li bilkemm ma jistonawx bejniethom''. Fl-aħħarnett, min huwa Karmenu Vassallo, igħidilna l-poeta nnifsu, hu u jirriferina għall-ewwel ktieb ta' għana tiegħu maħruġ fuq is-sbatax-il sena ilu:

Jiena huġġieġa nar: u da'l-ktieb tiegħi
sawwartu b'versi jikwu bħan-nirien.
Da'l-ktieb mera ta' ħajti:
da'l-ktieb jixhed min jien!

Għedna li ''poeta nascitur, non fit''. U tabilħaqq il-poeta jitwieled qabel ma jkun ra s-sbuħija tal-ħolqien bid-dawl ta' ħħajnejh; irrid ngħid jien, il-poeta jitwieled hekk qabel ma jmidd riġlejh fuq din l-art, qabel ma jieħu l-ħajja. U kif ma jistax jitwieled bniedem u jgħix mingħajr ruħ, hekk ukoll ma tistax tingħata poeżija bnina u ħajja jekk min isawwarha ma jkunx ħass u ġarrab sa mit-twelid il-bewsa ħanina tal-Mużi. Wieħed baħnan jew rasu qargħa qajla jista' jsirlek għaref; imma jista' bla tbatija jsir għani jew għax ix-xorti tgħinu jew għax ikollu stonku li jnt u jien ma għandniex. Bniedem ġifa u beżżiegħi jista' biż-żmien jinbidel u jrabbilek ħila ta' sur. Dak li wieħed jikseb b'moħħu, ieħor jista' jbasslu u jġibu b'idejh. Għadd ta' nies laħqu fejn huma issa, xi wħud b'ħilithom, xi wħud bi flushom, xi wħud bi żball. Imma l-poeta u la tagħmlu x-xorti, la tagħmlu l-ħila, la jagħmluh il-flus, u lanqas ma jsir bi żball. Il-poeta jitwieled hekk, u biex jibqa' dak li hu la jkollu x'jambi voti mill-elettorat, la jkollu x'jambi flus, la jkollu bżonn favuri jew xaħam biex jiżloq u jgħaddi, u lanqas ma jkollu għalfejn joqgħod iżiegħel b'dan jew b'dak, itaptap fuq dahar għajru, jadura allat tar-riħ. Ħafna għorrief jafu għerfhom lill-istudji li għamlu, lil għadd ta' kotba kbar, lil xi kulleġġ magħruf jonkella xi università. Bil-maqlub, għaikemm hu wkoll ikun jeħtieġ jitgħallem jew jitħarreġ fil-qasam tal-għerf, il-poeta jitwieled bil-kotba mjegħu, u bla ma jmur l-università, l-università jsibha fih.

Il-poeżija, mela, hija don, don speċjali, aktarx l-ikbar u l-egħżeż (kif igħid Dun Karm) wara l-qdusija, li jingħata biss lil ftit b'miraklu tan-Natura. Tista' tgħid, ma hemmx nazzjon

jew pajjiż wieħed fid-dinja li ma għandux il-poeti tiegħu. Hekk ukoll Malta, għad li gżira daqs naqra, għandha l-poeti tagħha. U ta' qablu, għad li ikkompona bċejjeċ oħra mużikali, rabat ismu wieħed minnhom. Minn dak li kien qalli u tarrafli fuqu huwa innifsu kemm domt nitkellem f'dak ir-raħal tul l-aħħar gwerra kbira li kellna, jien rajt u għaraft biċ-ċar li poeta mhix xi ħaġa li ġġibha jew iġġagħalha sseħħ b'idejk; anqas m'hi ħaġa li tiġri 'per accidens', irrid ngħid jien, għax taħsel tiġi hekk; imma hi ħaġa li, biex ingħid hekk, tkun miktuba minn qabel, ħaġa donnha misterjuża li għall-għajta u għs-sejħa tagħna ma tistax ma twieġibx. U li Vassallo kien diġà poeta meta l-poeżija tiegħu kienet għad trid trabbi l-ġwienaħ biex mal-milja taż-żmien toħroġ tittajjar minn qalbu u minn ruħu għall-beraħ u l-wisa', juruhulna xi kurżitajiet li ġraw f'żgħuritu u fi tfulitu u li qajla jiġġarbu mill-bqija fost ħutna l-bnedmin li ma jkunux bħalu msejħin sa mill-bidu għall-għana.

Minn dawn l-aneddoti kurjużi tiegħu ma beħsiebni nsemmi ebda wieħed milli waqt li xi wħud minnhom għandhom imnejn jixegħlu u jkebbsu l-moħħ ta' min jismagħhom, uħud oħra għandhom imnejn juru li min ġarrabhom kellu sa mill-bidu ras u moħħ akbar minn ġismu. Madankollu, xi lehma 'l hawn u 'l hinn ta' kemm Karmenu Vassalo hu figura kurjuża fil-ħajja mhux inqas milli fil-letteratura Maltija, la nonqsu nsibuha f'xi kitba u lanqas f'xi poeżijiet minn tiegħu. Aqraw dak li kiteb, xtarruħ u tegħimuh tajjeb, u taraw weħedkom Karmenu Vassallo min hu u x'inhu.

L-awtur tan-"Nirien" ġralu bejn wieħed u ieħor dak li ġara lil Pietro Mascagni fil-mużika u lil Thomas Gray fil-poeżija. Dan ta' l-aħħar, għad li kiteb għadd żgħir ta' poeżijiet oħra, kif ukoll xi ittri u 'essays' ta' min tfaħħarhom, baqa' aktarx magħruf l-aktar għall-"Elegy in a Country Churchyard". U ta' qablu, għad li kkompona bċejjeċ oħra mużikali, rabat ismu b'mod speċjali ma' l-opra tiegħu "Cavalleria Rusticana". Hu għalhekk ta' min ikun jaf li barra mill-ktieb tiegħu "Nirien", Karmenu Vassallo kiteb u ippubblika kotba oħra, wieħed fosthom jismu "Kwiekeb ta' Qalbi", li hu wkoll jiġbor fih ġamma ta' poeżijiet. Jista' jkun, bħal ma jgħidu jew iħaqquha dawk li qraw u għarblu ż-żewġ kotba, li l-poeżija ta' Vassallo fin-"Nirien" hi aktar espressiva u effettiva fil-qatgħa u x-xejra ori-

ġinali tagħha milli hi dik li nsibu fil-"Kwiekeb ta' Qalbi". Jista' jkun ukoll li għal ħafna, u l-aktar għal dawk li jifhmu, l-aħħar ġabra ta' poeżijiet ta' Vassallo ma tfawwarx b'dak ix-xrar ta' ħeħmiet u ta' tqanqil li ġewwenin bħal ma tagħmel l-ewwel ġabra maħruġa għad-dawl fl-1938. Iżda mbagħad ma nafx liema jew, aħjar, kemm versi jikwu u jabarqu milli hemm fin-"Nirien" issibilhom dik il-ħlewwa, dak il-'pathos', dik in-nobbiltà ta' sentimenti u dik il-profondità ta' ħsibijiet u ta' ideġiet li għandhom xi wħud mill-poeżiji fil-"Kwiekeb ta' Qalbi". Huwa minnu li fil-poeżija "Bla Dawl" u fl-oħra mgħammda "Żewġ Għidien" hemm mhux biss sentiment fin, imma wkoll sensibbiltà li ġġagħlek tħoss u tibki mal-poeta; iżda, min-naħa l-oħra, ma hemmx dik id-delikatezza jew dik ir-reqqa ta' qalb u ta' ħsieb f'daqqa waħda li wieħed johla u jitgħaxxaq bihom meta jaqra l-poeżija "Phthisis" jew "Binti", li jiena, u mhux jien biss, inqis u ngħodd bħala żewġ ġawhriet liriċi sew għall-ħsieb għoli u delikat li janimahom u sew għal dik li hija arti u teknika li tħażżimhom.

Imma mhux għalhekk biss hu ta' min, barra milli fin-"Nirien", jaqra u jistudja lil Karmenu Vassallo fil-"Kwiekeb ta' Qalbu". Hu min hu l-poeta, biex tkun tafu u tifhmu sewwa, trid tieħdu kollu u sħiħ, u mhux bin-nofs jew fi bċejjeċ maqtugħin minn xulxin. U biex ikollok mera jew xbieha tassew u ħajja ta' dan il-poeta u letterat Malti, jeħtieġlek tkun taf li daqskemm hu aħrax u ħalil f'xi poeżijiet, daqshekk ieħor hu twajjeb, ġwejjed, ħanin u kollu mħabba f'oħrajn. Hekk, fil-poeżija tiegħu "Lil Marti" mhux talli naraw kemm Vassallo jħobb u jgħożż il-għaqda u l-barka tal-familja, imma talli naraw ukoll kemm hu tabilħaqq nisrani rett u moralment skrupluż f'dawk li huma obbligi jew dmirijiet matrimonjali. Barra minn dan, f'din il-lirika l-poeta jinseġ wieħed mill-isbaħ u mill-iprem paneġiriċi taż-żwieġ nisrani. Il-poeta li, mhux mingħajr tarka raġun, ikun seħet twelidu u ħajtu fin-"Nirien", issa li minn għażeb ikun safa miżżewweġ u missier, jinbidel u jsir bniedem ieħor fil-"Kwiekeb ta' Qalbu" u, mgħaxxaq bil-kobor u bil-ħajr ta' dak li San Pawl sejjaħlu *Sacramentum Magnum*, jinfexx f'għanja mill-oħla b'riżq il-*Crescite et multiplicamini* ta' l-ewwel ktieb imqaddes tal-Pentatewku. L-opra tat-tkattir ta' ġens il-bniedem hi għal Vassallo "egħmil ta' għaġeb kbir ta'

mħabba", egħmil li l-miżżewġin huma fid-dmir li jissuktaw iġeddu sakemm itul iż-żmien. Għax, kif jargumenta l-poeta teologu,

"Il-ħajja
m'għandu għax jibża' minnha ħadd: jobgħodha
biss min jistmerr jarfa' salibha; ukella
ma jafx w anqas ma jrid jitfa' għajnejn ruħu
'il fuq mill-kwiekeb......"

Ħadd, imbagħad, ma jista' jiċħad li, għalkemm m'hemmx warda bla xewk, l-ulied huma, kif iżid jistqarr u jgħallem il-poeta:

"Ir-rabta, il-qofol,
il-qalb infisha tal-familja";

u li

"In-nieqa
hija l-artal tal-ħajja".

Ta' qatgħa u sura waħda ma' "Lil Marti" huma l-poeżijiet li Karmenu Vassallo kiteb lit-tliet uliedu: Rożanna (li mietet ta' ftit xhur), Herman-Baruch u Oliver-Paul. Il-Professur Aquilina, fi studju kritiku-letterarju dwar Ġużè Chetcuti bħala "Il-Poeta tal-Familja", wara li jafferma li ebda poeta Malti ma jinterpreta r-rabta tal-missier u l-omm ma' l-ulied daqs Chetcuti, żied igħid li xi ħadd jista' jistaqsi: K. Vassallo ma kitibx poeżiji lil uliedu wkoll? U jwieġeb hekk: "Kiteb, u l-poeżijiet tiegħu 'Lil Ibnu Herman-Baruch', 'Lil Ibni Oliver-Paul' u oħra 'Lil Marti' huma sbieħ tassew; imma, tneħħi xi versi fil-poeżija 'Binti', ma tistax issejħilhom interpretazzjoni tal-maternità u tal-paternità, imma espressjoni tat-temperament intellettwali tal-poeta, aktar ritratt tal-personalità tiegħu ħajja u bosta drabi qalila milli ritratt tiegħu bħala missier". Hawn il-Professur Aquilina wera għaqal u reqqa ta' studjuż u kritiku kbir. Madankollu, jidhirli jien, f'kemm-il poeżija kiteb Karmenu Vassallo dwar il-familja qatt ma naqas jonqox u jħalli messaġġ li jiswa għal kulħadd, messaġġ ta' dawl u ta' għerf li għandu mill-qawwa u mis-saħħa ta' Domma tal-Fidi. Mhux jien biss ingħidu dan, imma oħrajn ukoll. Fost dawn, is-Sur G. Cassar Pullicino, Bibljotekarju fl-Università Rjali u wieħed mill-aqwa studjużi Maltin tal-Folklore, hekk kiteb fil-11 ta' Marzu, 1941, dwar il-poeżija "Lil Ibni Oliver-Paul" ta' Vassallo: "...Barra dik li hi sengħa ta' versi u għażla ta' kliem, hemm xi ħaġ'oħra fiha li għandha tifsira għal kollha kemm huma l-ulied ta' Malta Għalija, din il-poeżija mhix

dedikata lil ibnek daqs kemm iż-żgħar kollha ta' Gżiritna; ibnek jirrappreżenta biss it-tip tal-ġenerazzjoni Maltija li għadha anqas biss fetħet għajnejha għar-realtà qarsa u għat-tfixkil iebes tal-ħajja. Għalhekk il-versi tiegħek fihom messaġġ lill-poplu Malti biex ma jorqodx fuq is-sliem li jiġi wara t-taqbid, għax dawk ikunu snin agħar bil-bosta minn dawk li għadhom kemm għaddew minn dawk li għadhom kemm għaddew minn fuqna. Fi ftit kliem, hemm il-problema tar-rikostruzzjoni — morali u materjali — li għaliha l-Maltin iridu joqogħdu b'seba' għajnejn, biex ma jkunx ta' xejn li ġiet is-sliema...... Jogħġobni wkoll il-ħsieb tiegħek li trid ittalla' 'l ibnek taħt dixxiplina (għalkemm ma tistax tistenna li togħġob lil kulħadd!) biex imbagħad, billi jkun dara kollox, ma jurix ruħu bla sinsla, imma jġib ruħu sewwa fit-taqbid ma' l-egħdewwa 'tiegħu, t'Artu u ta' niesu'."

Tagħlima oħra xejn inqas ta' fejda għall-ulied kollha ta' Malta nsibuha wkoll fil-poeżija li Vassallo kiteb lil ibnu Herman Baruch fl-10 ta' Ottubru, 1942. Isimgħu ftit xi twissijiet sbieħ u tassew għaqlin jagħti lil ibnu dan il-poeta, filosfu u surmast:

"Għandek, ibni, quddiemek
triq bil-wisq iebsa u twila
x'timxi w-itterraq sa ma jasal tmiemek.
La tkunx ġifa u beżgħan; kun qlubi u l-ħila
ma tonqsok qatt; ta' tlugħek
tiqafx fin-nofs, għax targa' f'qiegħek; lura
m'għandek għax tħares qatt: qalbek u ruħek
żommhom f'għajnejk miġbura
dejjem mitfugħa 'l fuq.
Inkella ma tirbaħx: u tgħix imjassar
u mżeblaħ u misħuq
taħt għarqub il-qawwiet tad-dlam u d-dnewwa;
u ma ssib qatt id-dawl tal-ħaqq u s-sewwa;
u għomrok jisfa' qabar ħajtek mejta;
u ktieb ir-rebħ u l-ħelsien tiegħek, ibni,
jibqa' għal dejjem mitbuq."

Minn hawn niġu issa għall-poeżija "Binti", ta' 98 vers, li fl-ewwel 46 minnhom naraw lill-poeta hieni u ferħan "f'jum twelidha", u fit-52 l-oħra narawh imnikket u mbikki "f'jum mewtha". Kull waħda miż-żewġ taqsimiet tagħha fiha erba' strofi. Il-metru ta' kull strofa huwa mħallat, jiġifieri msawwar minn

versi tal-ħdax, tas-sebgħa u tal-ħamsa. Kull waħda mill-istrofi fiha wieħed minn dawn il-ħsibijiet ewlenin: (i) waqtiet it-twelid; (ii) glieda bejn il-ġisem u r-ruħ; (iii) Alla u l-ħolqien; (iv) il-kobor t'Alla; (v) ħolma ta' missier u poeta; (vi) il-għaqda u s-sliem fil-familja; (vii) l-imħabba bla tarf ta' l-omm u tal-missier; u (viii) it-tama jew tamiet li sfaw fix-xejn. B'dawn il-ħsibijiet Karmenu Vassallo għana u żejjen il-Letteratura Maltija meta rabathom u nisiġhom flimkien b'sengħa hekk kbira li minn hom ħarġet waħda mill-isbaħ poeżijiet li tħabbatlha ma' ta' l-aqwa barranin. Din il-poeżija jifhimha l-aktar min hu poeta u missier bħal Vassallo; iżda naħseb li trid tkun wisq iebsa u ħarxa dik il-qalb li ma tinħallx jew għallinqas ma tħossx, hi u taqra jew tisma' poeżija bħal din. Araw issa daqsxejn x'qawwa u x'oriġinalità ta' versi, x'kobor ta' twemmin f'Alla u ta' mħabba lejn bintu, xi ġmiel ta' kwadru plastiku hemm fil-ftuħ u fl-egħluq ta' l-ewwel strofa:

"Rajt dak in-nhar, fil-milja kollha tiegħu,
il-kobor ta' Driegħ Alla ta' l-Insara:
u minn għajnejja
għal fuq ħaddejja
ħassejt għaddejja
(l-ewwel bil-biża', imbagħad bil-ferħ) bħal xmara
taħraq ta' dmugħ."

Kull min hu missier u rnexxielu xi darba jkun xhud f'ħin it-twelid ta' tarbija, malajr jifhem x'ried ifisser u jgħid Karmenu Vassallo b'dan il-kliem li jiġbor fih kull ma jiġri u jseħħ fid-djar tal-miżżewġin waqt dan il-misteru — dil-ġrajja hekk tal-għaġeb, li ftit huma dawk li joqogħdu jaħsbu x'miraklu kbir ikun qed isir f'ħinha, il-ħin li fih Alla l-Imbierek ikun qed juri u jnewwel il-kobor tal-għaġeb ta' Driegħu.

Aktar 'il quddiem niltaqgħu mat-taqbida bejn it-trab u t-tajn li bihom hu msawwar il-ġisem minn naħa, u l-għodod sħaħ tar-ruħ min-naħa l-oħra, waqt li naraw kif il-poeta, li jidher rebbieħ f'din it-taqbida, jissokta jgħanni:

"Iżda l-għodod ta' ruħi
— li taf biċċa minn Alla —
ma ssaddu qatt sal-lum: baqgħu misnuna
sabiex jitqabdu annuna
ma' ġismi w irażżnuh."

Wara li t-taqbida tkun saret u jkun tħassel ukoll il-frott tarrebħa, naraw li l-kittieb jikseb dak li jkun xtaq u ttama; iżda, kif jistqarr hu nnifsu, mhux bil-ħila tiegħu "Int għamiltni missier", igħid il-poeta liċ-ċkejkna bintu Rożanna. Imma minnufih jissokta :

"Iżda, ja binti, ma kinitx il-ħila
ta' missierek u t'ommok
li ħbub għajnejk xegħlet bid-dawl, u 'l fommok
għaniet bil-qawwa tat-tbissim u l-biki;
kienet l-Id t'Alla twila, twila, twila......"

U wara li jfisser x'tagħmel u safejn tilħaq din l-Id, il-poeta missier itemm din l-istrofa sublimi b'dawn il-versejn :

"...li taħkem kullimkien, u żżomm u tmexxi
id-dgħajsa tal-ħolqien."

Il-poeta jżid jagħraf u jgħarraf li l-bidu u s-sies ta' kollox huwa l-Mulej Alla, li mingħajru xejn ma kien ikun minn dak li hu :

"Kollox minn Wieħed sar : u l-f lejjaq kollha
lil Wieħed biss u 'l Wieħed waħdu jafu
il-bidu ta' nisilhom !
Il-bniedem għodda f'idejn Sidu : Alla
jaqta', ifassal, idomm, jibni u jtalla' !"

B'versi li jixhdu ħiltu fis-sengħa tal-poeżija u fit-tiżwiq ritmiku u melodjuż tal-kliem, juri mbagħad il-poeta kif u għalfejn Alla ħalaq 'il-bniedem, u jfisser b'mod konċiż daqskemm ċar kif ix-xogħlijiet li għamel Hu jixhdu l-qawwa ta' Setgħatu. U din il-qawwa sovrumana l-poeta ġarrabha hu nnifsu fit-twelid ta' bintu. Iżda ma jsibx kliem biex ifissirha. U għalhekk jistqarr :

"Naf biss li bżajt u fraħt u qalbi nqasmet,
għax ma felħitx iżżomm għal dal-misteru
li fil-familja ġiebli l-barka u s-sliem."

Dawn il-versi jifhimhom u jħosshom l-aktar minn għadda u daq mill-kwies ta' din il-ġrajja. Jekk nistħarrġu fuq fuq il-ħajja miżżewġa ta' poeti kbar barranin, għandna nsibu li għadd minnhom qajla sabu xorti fiż-żwieġ, jew aħjar huma u n-nisa tagħhom qajla seħħilhom jistabru bil-fehmiet ta' xulxin li wisq drabi ma kienu jaqblu xejn bejniethom. Bil-maqlub ta' dawn, l-awtur aħrax u qalil tan-"Nirien" sab fis-sieħba ta' ħajtu hena u faraġ u sliem li meta kien għażeb ma nafx jekk ħolomx bihom.

Imma hawn jidhirli li għandi u nista' mmiss nota għal kollox personali. Hu ta' min ikun jaf li Karmenu Vassallo mhux xi wieħed imqit fir-relazzjonijiet tiegħu ma' għajru. Anzi bil-maqlub. U biex naqtagħha fil-qasir, irrid u nixtieq infakkar dak li, kif kien qalli darba hu stess, kien qallu bil-fomm il-mibki tabib u rumanzier Ġużè Bonnici meta ltaqa' l-ewwel darba mal-poeta fi triq ewlenija, il-Belt. Wara li qagħdu jpaċpċu ftit bejniethom, u t-tabib ra kemm kien dħuli, ċajtier u minn tagħna dan Vassallo, Dr. Bonnici, bi tbissima ħelwa f'fommu, qabeż u qallu b'sinċerità kbira daqs dik tal-poeta: "Il-versi qliel u ħorox tiegħek tawni nifhem li int minn waqt għal ieħor kont ser tkeijilha minn hdejn il-Lift... Qatt m'għaddieli minn moħħi, qabel ma rajtek u kellimtek, li int daqshekk simpatiku u ferrieħi fi mġiebtek." U ż-żgħażugħ poeta ta' dak in-nhar wiegħbu pront pront: "Mal-Muži nimxi mod, u mal-ħbieb xort'oħra. Ma jidhirlix," żied igħidlu ġbini Karmenu, "li lil min jirrispettani u jġibni għandi nsieħbu miegħi fil-hemm u n-niket tiegħi!" U dan jurina kemm hu raġel u galantom ma' għajru l-*poeta-filosfu*, kif kienu sqarru li hu, ħabta ta' 21 sena ilu (jiġifieri f'Lulju ta' l-1934), tliet Eżaminaturi Taljani f'Konkors ta' Poeżija Taljana li fih Vassallo kien ħa l-ewwel premju, flimkien ma' Oddone Metelli minn Ruma, għall-versi tiegħu "Ricordando Giacomo Leopardi". Mhux għalhekk ta' min jistagħġeb kif il-poeta u martu, ma' tul kważi sbatax-il sena li ilhom miżżewġin, dejjem għexu f'għaqda u rabta ta' sliem u barka kif irid Alla u kif jiena u ħafna oħrajn nixtiqulhom minn qalbna li jkomplu fiha kemm idumu ħajjin.

Il-ferħ li nisslet fih l-ewwel tarbija li twilditlu xejn ma kellu għomru twil. Bintu Rożanna bil-kemm damet ħajja xahrejn. U għalhekk il-poeta jgħidilha:

"Ma domtx nitpaxxa bik, għaxqa ta' qalbi,
u l-akbar hena ta' żgħużiti mżewġa!
Kont drajtek tabilħaqq; kont sirt inħobbok
bi mħabba ta' missier u ta' poeta
li jħossu tiela' l-ġenna......"

Għaliex iħossu tiela' l-ġenna? Għaliex f'bintu, kif igħid hu, kien jistħajlu jara bħallikieku f'mera x-xbieha tiegħu stess, u biha fid-dinja kien jinsa kull għawġ u jirbaħ kull tfixkil. U tabilħaqq l-omm u l-missier isibu f'uledhom is-serħ u l-faraġ tagħhom. Anzi Vassallo, ta' poeta li hu, iġarrab ferħ li donnu jisboq

lil dak ta' missirijiet oħra, hu u jistħajjel li! bintu kbira diġà biż-żejjed, qiegħda tifraħ u titkabbar b'missierha :

"hu u jgħolli Lsienu,
li fuqu ħela l-egħżeż żmien ta' żmienu."

Dik il-ħabta l-poeta kien igħallem fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti, Birkirkara. Imma ċ-ċkejkna Rożanna ma kellhiex iddum wisq tferraħ, thenni u tfarraġ lil min kien hekk iħobbha li kien għoddu ġġennen warajha. Bħal warda tarja u friska li għadha kemm bexxqet għodu għodu, bintu kellha tidbiel, taqa' u tmut taħt l-isbaħ sema tar-rebbiegħa. Għalhekk kif jista' missierha ma jibkihiex, waqt li jitniehed u jgħidilha kollu mnikket :

"Int kont l-għaxqa ta' ommok,
il-faraġ ta' missierek,
il-ġid kollu tad-dar!"

U tabilħaqq, bosta u bosta drabi, huma l-ulied li fil-familja jġibu l-ferħ u l-paċi, waqt li jżidu jsaħħu u jkattru r-rabta ta' bejn ir-raġel u l-mara. Mhux ta' b'xejn fl-imgħoddi, kif insibu saħansitra miktub fit-Testment il-Qadim, kienet magħduda bħala ħaġa ta' għajb dik li mara u raġel miżżewġin ma jkollhomx ulied! B'danakollu, issa li bintu kienet għalqet għajnejha darba għal dejjem, dar il-poeta sfat baħħ u xejn ma kien baqa' fiha xi jferrħu, xi jserrħu, xi jhennih. Xejn ma swielu 'l missierha jagħmel minn kollox biex jeħlisha minn dwiefer il-mewt :

"L-isbaħ għodod ta' mħabbti u mħabbet ommok
għalik, ja binti, ma swew xejn u tfarrku
quddiem l-għadu qalil tal-ġmiel ta' ħajtek,"

igħidilha, mbikki u qalbu maqsuma u mifnija bil-għali. Dawn il-versi jdommu fihom taħbit, ġiri, għali u niket li ma jitfissrux, għaliex biex issalva 'l uliedek tagħmel aktar milli tista' u tiflaħ, meta taf li huma, bħalma jistqarr wisq tajjeb il-poeta mġarrab, "biċċa minn ħajtek u minn ħajjet martek." Bħalissa qed jiġu f'moħħi, qisu l-bieraħ, iż-żewġ poeżijiet bit-Taljan, waħda jisimha "Pianto Antico" ta' Giosue Carducci, u l-oħra "Lacrymae" ta' Giuseppe Chiarini. It-tnejn sbieħ u kommoventi, ta' Chiarini iżjed minn ta' Carducci. B'danakollu, ebda waħda minnhom ma tisboq lil ta' Vassallo. Anzi nħossni żgur u ċert li "Binti" tiġbor u tħaddan fiha għadd ikbar ta' preġji letterarji milli fihom dawn it-tnejn. Qabbluhom it-tliet flimkien bħalma għamilt jien, u taraw.

Intant, il-biki u l-ilfiq u l-għali tal-poeta tagħna għal bintu ma jiswewlux biex jerġa' jagħtiha l-ħajja kif kieku jixtieq, u lanqas ma jifirruttawlu t-tamiet li jkun bena u fassal fil-ħolma msaħħra ta' frugħatu.

"Kont inħobbok tassew u ħlift li mħabbti
nissokta nkattar, kull ma jmur, għalik:
ħlift li nagħmel minn kollox għall-ġid tiegħek,
għax l-isbaħ tamiet tiegħi kienu fik.
Imma d-dejr ta' tamieti u ta' xewqati
sibt li bnejtu fir-ramel:
hu ġġarraf minnufih
ma' l-ewwel żiffa riħ:
u jiena bqajt fil-ħolma ta' frugħati......"

Hekk jagħlaq u jtemm il-poeżija tiegħu "Binti" Karmenu Vassallo — poeżija li ma tistax ma tibqax għal din u għal kemm-il ġenerazzjoni oħra ta' warajha bħala dokument ħaj ta' fidi sħiħa f'Alla, ta' qima u għożża għaż-żwieġ Nisrani, ta' mħabba u għaqda bejn ir-raġel u martu, u ta' ġibda u ħerqa għan-nieqa fil-kenn u s-sliem tad-dar.

Għalkemm naf li stajt ġbidt inqas fit-tul, naf ukoll li kien baqagħli ħafna xi ngħid fuq dan il-poeta u m'għedtux. Ibda biex, barra miż-żewġ kotba ta' poeżiji "Nirien" u "Kwiekeb ta' Qalbi", Karmenu Vassallo kiteb u ħareġ għad-dawl ukoll ktieb ħafif ta' proża mżewqa jismu "alla taż-żgħażagħ" u ktejjeb ieħor ta' prosodija jismu "Metrika Maltija" li l-Professur Aquilina, fil-"Kelmtejn Qabel" tiegħu, jirrikkmanda bil-qalb lil kull min iħoss ruħu mxejjer lejn il-Għanja Maltija sew bħala kittieb ta' poeżijiet u sew bħala qarrej. Barra minn dawn l-erba' kotba tiegħu, Vassallo qaleb ukoll mill-Ingliż għall-Malti r-rumanz famuż ta' Charles Dickens, "A Tale of Two Cities" — "Ġrajja ta' Żewġt Ibliet". Sadattant lanqas ma ħeda jikteb xi poeżijiet oħra ġodda li, għall-ġmiel u l-qawwa oriġinali tagħhom, mhux biss ma jagħmlux għajb lil ta' qabilhom, imma aktarx igħadduhom ukoll. "Il-Għanja ta' Poeta tal-Bieraħ", "Issa li......" u "Tifkiriet Tfuliti" li dehru f'*Il-Malti* ma' "Il-Wied taż-Żebbuġ", "Il-Għeneb taz-Zija", "Unknown Island" u oħrajn li dehru f'*Leħen il-Malti*, huma xi wħud minnhom. Fl-istess ħin, eluf ta' semmiegħa kienu semgħuh jaqra minn fuq ir-"Rediffusion" sensiela ta' ħdisa' taħditiet fuq "Il-Malti u Ħajr Ġmielu"

u sensiela ta' taħditiet oħra fuq "Is-Salib Imqaddes fl-Arti". Sew il-waħda u kemm l-oħra miż-żewġ sensiliet kienu mhux biss ingħoġbu, imma qanqlu saħansitra lil għadd ta' ammiraturi tiegħu jfissru l-għoġba u l-għaxqa tagħhom f'diversi ġurnali tal-Gżira.

Madankollu, fuq kollox u qabel kollox, kienet u tibqa' l-poeżija tiegħu dik li tagħmel lil Karmenu Vassallo dak li hu, jiġifieri, bħalma kien stqarr u kiteb fl-"Afrique" ta' Frar 1939 ir-rumanzier u kittieb magħruf Franċiż ta' nisel Malti, M. Laurent Ropa, "wieħed minn dawk il-ftit li jogħlew fuq l-oħrajn u li jissejħu *genji*". U tabilħaqq, bħalma jżid igħd l-istess awtur. "il-ġmiel tal-poeżija oriġinali tiegħu, u l-ħeġġa tal-għaġeb ta' mħabbtu — dik imħabbtu fejn hemm jaħraq u jixgħel nar ta' xemx li ssibu biss fi ftit erwieħ magħżula — jagħmlu minn Karmenu Vassallo wieħed mill-aqwa poeti ta' żmienna : wieħed mill-aqwa poeti ta' Malta, u mhux ta' Malta biss!"

---

# FURIOSO

*Ta'* Gużi Abela

Ħsiebi nixxift il-lejla, naħseb, naħseb.
  biex nikteb għanja għalik, Muża Moħbija.
U nibda vers, u ma nkomplihx, nibda ieħor......
  u mlejtha bit-tħażiżż l-iskrivanija.

W issa ddejjaqt u ma rridx nikteb aktar.
  Dawn kollha sforzi, dan kollu xogħ'l fieragħ.
Irġajt irbaħtli, Muża ta' qalb kiefra.
  Imm'għada, tgħid, se jkun bħal-lum u l-bieraħ?

Għada se nvenven qilla ta' poeta.
  Għada noħorġok minn fejn int moħbija.
Għada nikkmanda jien. Nagħtik tagħlima.
  U nġagħlek tiżfen fuq l-iskrivanija.

**X'JIKTBULNA:**

## "CHRISTIAN" HU "NISRANI"

117, Triq Ridolfo, Sliema.
15 ta' Ottubru, 1956

Sur Editur,

Għal darb'oħra s-Sur Ġużi Abela kitiblek fuq il-kwistjoni tal-Malapropismi, imqar jekk did-darba taħt ir-ras "Christian U Nisrani".

Mill-ittra (jew artikolu) tas-Sur Abela, irrid niskarta l-bran psewdo-teoloġiku li m'għandux x'jaqsam mal-kwistjoni lingwistika kif ukoll il-frażijiet oskuri fis-sens, bħal: "ma kienx jerġa' jibbaża l-argument tiegħu fuq akkuża tiegħi li għadu ma ċaħadhiex" (*sic*), u li ma jidhirx li fihom importanza fuq s-suġġett filkwistjoni, anzi donnhom biss tidwir mal-lewża, kif nużaw ngħidu għal min ikun irid jevita l-argument.

Is-Sur Abela qal li huwa qatt ma sama' jew qara li xi Protestant stqarr jew kiteb: "I am a Nisrani, but not a Catholic". Imqar jekk bi Protestant is-Sur Abela qiegħed jifhem biss xi baħri Ingliż, jiena ma nistax nara kif stranġier li ma jafx bil-Malti jista' joħroġ b'espressjoni bħal din. Ir-rimarka tas-Sur Abela hija gratuwita u x'konnessjoni għandha mas-suġġett tal-polemika ma nistax nifhem.

Bħalma ma nistax nifhem (xi tridni nagħmel jekk jien tant ħmar?) kif is-Sur Abela sata' jgħid li jiena sejjaħt 'il-Professur Wyld biex jiddefendini fil-kwistjoni. Fil-verità jiena *ikkwotajt* diversi awtoritajiet, fosthom lill-Professur Wyld u lil Dun Karm (li bil-Malti naħseb li jaf dāqsi u daqs is-Sur Abela—almenu) u li huwa l-awtur tad-Dizzjunarju Ingliż u Malti. Bil-kitba tajba tagħhom dawn jikkorroboraw ċar it-teżi minni esposta.

Inżid il-lum li fid-Dizzjunarju ta' G B. Falzon (Malti ieħor) insibu t-tifsira ta' *Nisrani* bħala *cristiano, chi vive sotto la legge di Cristo, a Chrstian* u viċeversa *Cristiano* hija *a christian, be-*

*liever, nisrani.* Fid-Dizzjunarju ta' V. Busuttil (ukoll Malti) *Nisrani* hi ekwivalenti għal *Christian; Catholic*, min-naħa l-oħra, tfisja *cattolicu, universali, generali, jew ma cullimchien.* "A Simple Catholic Dictionary" tal-Catholic Truth Society, *Christian* igibha bħal: *A follower of Christ* u *Catholic or Universal* bħala *A mark of the Church, because she subsists in all ages, teaches all nations, and is the one ark of salvation for all.*

Nista' nkompli nikkwota kotba għal pagni sħaħ imma s-Sur Abela qiegħed ifittex li jinjora konvenjentement l-argumenti tagħhom; u sadattant huwa baqa' ma sabx linja ta' awtur li taqbel malli qiegħed isostni hu.

Anzi din id-darba sa nsemmilu wkoll xi jgħid il-Katekiżmu Malti: "Int Nisrani? Iva, jiena Nisrani għall-grazzja t'Alla". Issa l-Katekiżmu tal-Kardinal Gasparri nsibu fih l-istess mistoqsija u tweġiba hekk: "Sei tu cristiano? Sì, sono cristiano per grazia di Dio"; bl-Ingliż: "Are you a Christian? By the grace of God I am a Christian". Imbagħad: "Chi è cristiano? È cristiano chi ha ricevuto il Sacramento del Battesimo, che è come la porta della Chiesa di Gesù Crsto". L-istess it-traduzzjoni Ingliża: kull fejn hemm il-kelma *cristiano* nsibuha maqluba fi *Christian.*

Mela kull min hu mgħammed *huwa* Nisrani u għalhekk *Christian* (bħall-baħri Protestant) imma mhux neċessarjament Kattolku *(Catholic)*. Aħna jew m'aħniex?

Jekk m'aħniex, ikolli ta' ħmar li jien nammetti mas-Sur Abela li mhux bilfors li kull min hu letterat jirraġuna.

Lis-Sur Abela, infatti, jiena ngħoddu b'letterat.

ALBERT M. CASSOLA.

---

*Nota ta' l-Editur*: B'din "Il-Malti" jagħlaq din il-polemika.

# Reċensjonijiet

**"SOCIAL ASPECTS OF MALTESE NICKNAMES"** — By Joseph Cassar Pullicino. — Progress Press Co. Ltd. Malta —1956, Pag. 32.

Dan hu studju ieħor fuq il-folklore Malti tas-Sur Ġużè' Cassar Pullicino, li l-lum n'stgħu ngħodduh bħala l-folklorist ta' Malta u hu magħruf bħala speċjalist f'din ix-xjenza mill-aqwa ambjenti akkademiċi u kulturali barranin.

Għalkemm l-awtur ma tantx għamel enfasi fuq ir-rabta li hemm bejn laqmiet in-nies u l-folklore nazzjonali din ir-rabta tidher fl-iżvilupp tas-suġġett u tolqot lill-qarrej mill-bidu sa l-aħħar.

Kif is-soltu jagħmel is-Sur Cassar Pullicino żviluppa dan is-suġġett tiegħu b'sistema raġunat. Hadd ieħor bla taħriġ f'din il-għamla ta' kitba kien aktarx jittajjar minn traf għal-ieħor u jaqbeż min-naħa għall-oħra u joħloq konfużjoni f'moħħ il-qarrej, iżda l-awutur tagħna għaraf b'għaqal kbir jifrex il-medda tas-suġġett u jdomm il-punti prinċipali hekk li wieħed jista' jaqra din il-biċċa xogħol bla taħbil il-moħħ, bil-ħeffa u bil-gost. Din ma kinetx ħaġa ħafifa għall-awtur l-aktar meta wieħed iġib quddiem għajnejh li dan is-suġġett ftit kien ittrattat qabel. L-awtur, biex ngħidu hekk, ħtiegħu jiftaħ triq ġdida u jagħti sura lil din il-għamla ta' studju u riċerki.

La semmejna studju u riċerki ma nistgħux nonqsu li nsemmu li s-Sur Cassar Pullicino ma ġabarx għadd ta' laqmijiet u nizżilhom kif semagħhom biss, iżda hu għamel studju u riċerki dwar it-tnissil tagħhom u l-iżvilupp tagħhom skond it-tibdil u ċ-ċirkustanzi tal-ħajja. Biex insemmu eżempji, nieħdu l-laqmijiet tan-nies tal-baħar li mix-xwieni ta' żmien l-Ordni jaslu sal-bastimenti (Vaxxell) tal-lum.

Ħafna minn dawn il-laqmijiet huma marbutin ma' l-istorja ta' l-irħula bħal Ħal Tarxien u Ħal Qormi, iżda l-biċċa l-kbira huma mnisslin minn snajja', drawwiet u għadiet tan-nies. Għalhekk dan l-istudju jiftaħ mezz ieħor biex nistħarrġu fuq il-qedem ta' Malta u fuq l-iżvilupp soċjali tal-Maltin. Il-għadd ta' laqmijiet li ġabar l-awtur huwa kbir, iżda kien ikun akbar kieku laqqat mill-irħula u bliet oħra barra dawk li semma fil-ktieb tiegħu, ngħidu aħna, il-Ħamrun, Ħal Qormi u t-Tlitt Ibliet li għandhom storja u tradizzjoni ta' bosta snin. Jidhrilna wkoll li l-awtur seta' jikteb xi ftit aktar fuq il-laqmijiet komposti, għax dawn huma espressivi u xi drabi sfarzużi ħafna. Insemmu b'eżempju l-laqmijiet *"Ta' ma jċedix"*, *"Ta' bala' ħobżu"* *"Ta' ħa l-ewwel"* f'Ħal Qormi, *"Ta' busewdien żgħir"* fil-Wardija.

Biex ikun mess fuq kollox is-Sur Cassar Pullicino ġabar xi laqmijiet li tnisslu minn kostumi u ċirkustanzi moderni bħalma huma sports, modi u każini tal-baned. Dawn il-laqmijiet aktarx kollha huma konsegwenzi tal-piki li jeżistu bejn għaqdiet u xirkiet li għandhom l-istess skop.

Haġa komuni ħafna fostna l-Maltin dawn il-piki li jistgħu jkunu ħtija ta' ġlied u tweghir kif kien ġara bejn dawk ta' l-Ajkla u dawk ta' l-Istilla meta kienu ġew fl-idejn, indarbu bosta nies u marru l-Qorti. Minn dak l-istorbju kienet tnisslet din il-għanja li dari kienet popolari ħafna:

*"Ta' l-Ajkla u Ta' l-Istilla*
*Għamlu gwerra ma' xulxin*
*Ta' l-Ajkla tilfu l-bandiera*
*Ta' l-Istilla marru Kordin!"*

G.

**"M'HEMMX SERHAN"** — Tal-Kav. Reginald Vella Tomlin.—Empire Press, Malta, 1956. Paġ. 74.

Din mhix l-ewwel darba li messni nagħmel reċensjoni ta' ktieb tal-ħabib tiegħi, il-Kav. Reginald Vella Tomlin u naħseb li ser ikolli ntenni xi fehmiet li kont ktibt qabel; aktarx li jkolli nwettaqhom dawk il-fehmiet għax issa sibt li kienu mqanqlin minn kwalitajiet inerenti tal-kitba ta' Vella Tomlin. Kull awtur għandu l-preġji, il-kwalitajiet u l-għamliet li jagħżluh minn awturi oħrajn u jfasslulu l-istil tiegħu jew il-għelm tal-kitba tiegħu.

R. Vella Tomlin għandu karatteristiċi li jingħarfu malli wieħed jaqra żewġ paġni mill-kitba tiegħu: kostruzzjoni eżatta, kadenzi ħfief, kliem mexxej, armonija u ritmu li jinħassu, interpretazzjoni bla ħabi ta' ħsiebijiet u idejiet astratti li jeħtieġu sengħa u għaqal biex wieħed ifissirhom bla taħbit fil-ġirja tal-versi.

F'dan il-ktieb wieħed għandu mill-ewwel josserva l-universalità ta' l-awtur. Hu jikteb fuq suġġetti mifrudin minn xulxin fin-natura u fis-sustanza u fil-għamla tagħhom. Dan nistennewh minn surmast ta' l-iskola li dmiru hu li jindafar fil-firxa tal-għerf, iżda l-poeta ma jiżviluppax is-suġġett mis-sura tax-xjenza, iżda mill-lehma tal-poeżija. Wieħed jieħu idea tal-medda twila fil-lehma tal-poeta meta jaqra poeżiji ta' natura tant differenti bejniethom bħal, biex inġibu eżempju, dik il-poeżija lokalizzata *"Il-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġa"* u l-oħra astratta *"Għaliex ir-Risq?"*. Fl-ewwel il-poeta bil-qiegħda fuq siġġu" jpinġi l-ġmiel tal-bajja fid-dawl ta' qamar, fit-tieni hu jaħseb u jmaħħaħ biex jifhem kif:

*"... f'did-dinja t-tjieba*
*Hlasha m'hux dejjem tirbaħ......"*

Reginald Vella Tomlin jidher ċar li waqa' taħt l-influwenza tal-poeti moderni. Hu jwarrab dawk il-versi arkajki tqal u profondi mirquma bit-tiżjin tal-klassiċiżmu barokk. It-teknika tiegħu hi mfassla fuq "it-teknika ġodda li qed jidħru fil-poeżija tal-poeti tal-lum......" Waħda mill-karatteristiċi ta' dawn it-teknika ġodda hi l-ġirja jew il-ħarba tal-ħsieb ewlieni. Il-lum il-poeta ma jintilefx fi preamboli, iżda jidħol mill-ewwel u bis saħħa fil-qalb tas-suġġett. Dan id-dinamiżmu ssibu f'poeti barranin nordiċi u kontinentali. John Pudney, biex insemmu wieħed, ippubblika ħafna poeżiji li fil-ħarba tal-ħsieb u fil-ġirja tal-versi jixbhu lil *"Space-ship"*, *"Qsim il-Qalb"*, *"Mur"* u *"Għanja tas-Suldat Malti"* ta' dan il-ktieb tagħna.

Kif qal il-poeta fl-introduzzjoni tiegħu "Il-kaos ta' madwarna qed

iqanqal ukoll lill-poeti biex jxandru r-riżoluzzjonijiet tad-diffikultajiet permezz ta' tekniki ġodda u simboliżmu ġdid". Dan il-kaos ma jħallix żmien lill-poeta biex jistaħja fil-pompi u ċirkustanzi. Il-'um kulħadd imgħaġġel, kollox għaddej imlebbet, il-ħajja hi mferfxa bla serħan u billi l-poeżija hi l-espressjoni tal-ħajja, il-poeżija wkoll hija ħarkiena u ġerrejja. Ara "Qsim il-Qalb", poeżija ta' suġġett monitorju li l-poeti antiki kienu jieħdu xi tliet pagni għalih, mill-poeta tagħna ħareġ bħal leħħa ta' berqa u jinqara f'nofs minuta. Hekk ukoll fil-poeżija "Ifhem", f'ħames versi ta' ħames kelmiet hemm miġburin l-episodji prinċipali tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.

*"Għajjruh,*
*neżżgħuh,*
*sawwtuh,*
*mugħugħ*
*sallbuh."*

Jista' wieħed ikun aktar konċiż?

Fil-ktieb hemm ukoll poeżiji bi strofa waħda ta' erba' jew ftit aktar versi li qishom "tabloid", għax fihom sustanza konċentrata. Hsieb għoli, sejħa qawwija, tagħlima fejjieda, idea filosofika mirqumin ħafif, miġburin f'espressjoni faċli u miktubin f'versi li jolqtu l-immaġinazzjoni. Araw kemm hi konkreta din l-idea mfissra f'poeżija ta' erba' versi taħt it-titlu ta' *"Għajn In-Nies"*.

*"Kienet ninfa, il-ġmiel tal-ġmiel*
*Mill-maltemp tal-ħalel qliel*
*Fuq l-art mill-fliegu telgħet ferrieħa*
*— 'Ma dbielet u mietet bla mistrieħa".*

Dawn li ktibt huma ftit ħsebijiet li għaddewli minn moħħi fil-waqt li kont naqra l-ktieb "M'hemmx Serħan" u tassew, ngħid għalija, ma kellix serħan qabel qrajtu mill-ewwel sa l-aħħar, għax ladarba bdejtu ħassejt li kelli nispiċċah bla telf ta' żmien. Jiena ħadt pjaċir b'dan l-aħħar xogħol poetiku tas-Sur Vella Tomlin u għalhekk inħajjar lill-qarrejja oħra biex huma wkoll igawdu dan il-kteb ta' versi sbieħ

G.

## NGHINUHOM . . .

**Niftakru f'ħutna ta' l-Eġittu li għandhom bżonn**

**tal-għajnuna tagħna.**

## JONQSUNA XI KOPJI
## TA' "IL-MALTI"

Nitolbu bi ħrara lil dawk il-membri u mseħbin li jibgħatul-na kopji ta' "Il-Malti" li għandhom żejda, biex inkunu nistgħu ngħaqqdu f'kotba "Il-Malti" għal-Librerija.

L-iktar li jonqsuna Nru. 1 ta' l-1932 u Nri. tas-snin 1940, 1941, 1942 u 1943.

Il-kopji jintbagħtu lit-Teżorier, is-Sur Victor Apap (Central Office of Information), jew lill-Arkivista tal-Għaqda, is-Sur A. Cremona, 53 Triq Wara S. Ubaldeska, Paula.

**PREZZ**: 1s.